Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2709

5.12.2023

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2709

tal-15 ta' Settembru 2023

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 20(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/888, li stabbilixxa l-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ("il-Programm"), fl-Anness jistipula l-indikaturi għar-rappurtar dwar il-progress tal-Programm biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3.

(2) L-indikaturi, filwaqt li huma adatti għall-fini ta' monitoraġġ annwali tal-prestazzjoni, ma jippermettux biżżejjed monitoraġġ u evalwazzjoni komprensivi tal-attivitajiet u r-riżultati tal-Programm fil-kisba tal-objettivi tiegħu. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti indikaturi addizzjonali bħala parti mill-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

(3) Jenħtieġ li dawk l-indikaturi jkejlu l-output, ir-riżultati u l-impatt tal-Programm, filwaqt li jqisu r-rekwiżiti eżistenti ta' rappurtar u ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/888.

(4) F'konformità mal-Artikolu 30(4) tar-Regolament (UE) 2021/888, ġew ikkonsultati l-esperti maħtura minn kull Stat Membru u mill-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Indikaturi tal-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u rekwiżiti ta' rappurtar

L-indikaturi stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jissupplimentaw l-indikaturi stipulati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/888 fir-rigward tal-outputs, tar-riżultati u tal-impatti tal-Programm.

L-indikaturi għandhom jitkejlu kif ġej:

(a) kull sena, fir-rigward tal-indikaturi fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/888 u fir-rigward tal-indikaturi fil-punti 1 u 2 tal-Anness ta' dan ir-Regolament;

(b) l-indikatur tal-impatt imsemmi fil-punt 3 tal-Anness ta' dan ir-Regolament għandu jitkejjel bħala parti mill-evalwazzjonijiet *interim* u finali, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/888.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 202, 8.6.2021, p. 32.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Settembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Indikaturi addizzjonali fir-rigward tal-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà 2021–2027 li jissemmew fir-Regolament (UE) 2021/888

Il-kejl tal-indikaturi kwantitattivi għandu jkun diżaggregat, fejn xieraq, skont il-pajjiż, l-isfond professjonali, il-livell edukattiv milħuq, il-ġeneru, u t-tip ta' azzjoni u attività.

1. **Indikatur tal-output**

1.1. L-għadd ta' atturi lokali li japplikaw l-għarfien, il-prinċipji u l-approċċi miksuba permezz tal-attivitajiet umanitarji li fihom ipparteċipaw il-voluntiera u l-esperti.

2. **Indikaturi tar-riżultat**

2.1. Is-sehem tal-parteċipanti li jqisu li żiedu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja demokratika u fis-soċjetà b'mod ġenerali;

2.2. Is-sehem tal-attivitajiet li għandhom l-għan li jindirizzaw it-tranżizzjoni diġitali bħala sfida tas-soċjetà;

2.3. Is-sehem tal-parteċipanti li jqisu li għamlu bidla pożittiva fil-komunità.

3. **Indikatur tal-impatt**

3.1. Il-kontribut tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà u dawk umanitarji fil-komunitajiet lokali.